Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta' Beland
Frott iż-Żobbuġ Ismi

| | | |
|---|---|---|
| Seduta | 01/14 tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2011 | |
| Data | 30/01/2014 fis-6.15pm | |
| Post | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | |
| Attendenza | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi-Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | Amanda Abela | Preżenti |
| | Joan Agius | Preżenti |
| | Claude Camilleri | Preżenti mis-6.30pm |
| | Raymond Caruana | Preżenti mis-6.25pm sad-8.45pm |
| | Sean Chircop | Preżenti |
| | Stephania Fenech | Preżenti mit-8.20pm |
| | Joseph Hales | Preżenti |
| Preżenti wkoll | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon<br>Assistent Prinċipal Caroline Schembri<br>Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Christabel Carabott | |

**01. 1.** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 1. 1 | | Proponent: Hales<br>Sekondant: Abela | **Il-Minuti 14/13 inqraw u ġew approvati nem.con. bil-korrezzjonijiet li ġejjin:-** | |
| | | Ġie innutat li d-data tal-laqgħa trid tkun taqra 18 ta' Diċembru, 2013. | | |
| | 14.6.1 | Il-persuna inkarigata ser tkun 'is-Segretarjat' u mhux 'Hales' | | |
| | 14.8.1 | Tiżdied is-sentenza: 'Hija talbet sabiex issir laqgħa mas-Sur Steve Borg fejn hi tkun preżenti. Is-Sindku ssuġġerixxa li jitħawwlu fir-ring road ta' Ħal Tmiem.' | | |
| | 14.9.5 | Minflok il-kelma 'siġar' tidħol il-kelma 'pots'. | | |
| | 14.9.10 | Minflok 'Ċentru Arti u Artiġjanat' jidħlu l-kliem fil-Kunsill Lokali. | | |
| | 14.9.18 | Wara il-kelma 'one way', tidħol il-kelma 'l fuq'. | | |
| | 14.9.28 | Wara l-isem Ġuża, jidħol l-kunjom 'Abela, oħt l-ex Ministru Wistin Abela.' | | |
| | 14.9.29 | Wara l-kelma laqgħa jidħlu l-kliem 'indirizzata minn Joseph Muscat f'Kastilja dwar Anzjanita' Attiva li dwarha inħareġ booklet'. | | |
| 01. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |

**01. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 2. 1 | 14.2.1 | Hales: Lista ta' passaġġi | Hales ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' passaġġi jew trejqiet li għadhom bla wiċċ fil-Housing Estate ta' San Girgor. | Hales |
| 01. 2. 2 | 14.2.2 | Agius: Ħlas lill-kuntrattur Frankie Mifsud | Il-Kunsilliera Agius staqsiet jekk kienx hemm xi risposta mill-Awtorita' tad-Djar dwar il-ħlas tas-Sur Frankie Mifsud. Ir-risposta kienet fin-negattiv u għaldaqstant il-Kunsilliera Agius talbet li ssir laqgħa mas-CEO tal-Housing. | Agius |
| 01. 2. 3 | 14.2.3 | Agius: Sinjali tat-traffiku Triq President A. Buttiġieġ | Agius staqsiet dwar is-sinjali tat-traffiku fi Triq President A. Buttiġieġ. Is-Segretarju spjega li s-Sur Vassallo ta' TM jinsab imsiefer. | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 01. 2. 4 | 14.2.4 | Hales: Dog Litter Bins | Hales informa lill-Kunsill li huwa rċieva proposta waħda mingħand il-Kunsilliera Fenech filwaqt li dik li hemm imwaħħla ħdejn it-tinda ġiet imnizzla aktar 'l isfel. | Hales |
| 01. 2. 5 | 14.2.5 | Hales: Żbir ta' siġar fi Vjal 25 ta' Novembru | Hales irraporta lill-Kunsill li x-xogħol fuq iż-żbir taż siġar irid isir sal-31 ta' Marzu. Caruana staqsa dwar l-offerta u spjega li hemm problema fejn il-printing press li l-linji għamlu konsenturi fil-bini. Ser isir rapport bil-miktub dwar dan lil Enemalta. Hales spjega li nħarġet sejħa għal kwotazzjonijiet fil-Gazzetta tal-Gvern liema sejħa għalqet u diġa' tressqet għad-diskussjoni fil-laqgħa tal-Kunsill u s-Sindku spjega li l-Kunsill mexa skond ir-regoli. | Hales |
| 01. 2. 6 | 14.2.6 | Hales: Ġbir ta' skart | Hales informa lill-Kunsill li l-iskart minn Triq Xatbet l-Andar u Wesgħa 5 t'Ottubru beda jsir bieb bieb iżda r-rimi ta' skart fejn kien hemm il-bins on wheel għadu persistenti. | Sindku |
| 01. 2. 7 | 14.2.7 | Caruana: Bollard ħdejn l-iskola primarja | Il-Kunsilliera Agius spjegat li hija tkellmet mal-Kap ta' l-Iskola Zammit fejn din għadha qed tara min ser jieħu ħsieb il-bollard. | |
| 01. 2. 8 | 14.2.8 | Hales: Stop sign fi Triq Qalb ta' Ġesu' k/m Triq Mikiel Cachia | Hales informa lill-Kunsill li l-istop sign tneħħiet minn ma' l-art minn Triq Mikiel Cachia k/m Triq il-Qalb ta' Ġesu' iżda minflok trid issir waħda fi Triq il-Qalb ta' Ġesu' k/m Triq Mikiel Cachia. | Hales |
| 01. 2. 9 | 14.2.10 | Agius: Żurżieqa fi Ġnien San Girgor | Agius staqsiet dwar iż-żurżieqa. Is-Sindku spjega li ser tissewwa bil-hard metal mill-ħaddiema manwali tal-Kunsill. | Sindku |
| 01. 2. 10 | 14.2.11 | Hales: Non slip fuq bankina fi Triq San Girgor k/m Triq Ħabel ix-Xgħir | Hales issuġerixxa li minflok strippi non slip isir madum bil-boċċi non slip minħabba persuni b'diżabilita'. Hales staqsa meta ser titwaħħal il-mera faċċata tal-parkeġġ ta' wara l-knisja. Is-Sindku ta struzzjoni lil Hales sabiex din titwaħħal. | Hales |
| 01. 2. 11 | 14.2.13 | Chircop: Stqarrija dwar il-wiċċ ta' toroq | Chircop informa lill-Kunsill li l-istqarrija dwar il-wiċċ tat-toroq saret fuq il-website. | Chircop |
| 01. 2. 12 | 14.2.16 | Agius: One ways fiż-żona ta' Triq Salvu Cacciattolo | Is-Segretarju poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill korrispondenza ta' traffic management ġdida għaż-żona ta' Triq Salvu Cacciattolo minn TM. **Il-Kunsill kien għamel rapport mal-Pulizija dwar no entry signs li nqalgħu fi Triq Salvu Cacciattolo. Il-Kunsillier Hales innota serq ta' railing minn Triq il-Labour.** | Sindku |
| 01. 2. 13 | 14.2.18 | Agius: Ġbir ta' ħġieġ | Agius talbet sabiex issir laqgħa mal-Greenpak u nfurmat lill-Kunsill li beda t-tqassim tal-boroż reċiklabbli iżda qed nistennew iktar boroz mill-Greenpak sabiex jitkompla t-tqassim. | Agius |
| 01. 2. 14 | 14.2.19 | Hales: Problemi ta' knis | Hales spjega li dwar l-ilmenti tal-knis, dawn jingħataw attenzjoni mill-ewwel hekk kif l-ilmenti jaslu għandu. | Hales |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 01. 2. 15 | 14.2.22 | Chircop: Ċerimonja - Titlu Citta' Beland | Chircop rrapporta ċ-ċerimonja li saret għall-għoti tat-titlu ta' belt. Kien hemm attendenza tajba b'kummenti pożittivi. | Chircop |
| 01. 2. 16 | 14.2.23 | Hales: Tabelli fi Triq Dun Ġwann Tabone | Hales talab li jitwaħħlu tabelli fi Triq Dun Ġwann Tabone li jista' jsir parkeġġ fuq il-bankina. Dan peress li r-residenti għandhom problema ta' parkeġġ. **Il-Kunsill approva.** | Hales |
| 01. 2. 17 | 14.2.25 | Agius: Bdil ta' bibien | Il-Kunsilliera Agius staqsiet fhiex waslu l-bibien li talbna l-kwotazzjoni għalihom. Is-Segretarju spjega li l-kuntrattur ħa l-qies tal-bibien, ingħata d-depożitu u ser nippruvaw li jkunu fil-post sa l-aħħar ta' Frar. | Segretarjat |
| 01. 2. 18 | 14.2.26 | Agius: Ilment dwar il-bolla ġdida | Agius staqsiet jekk ktibniex dwar l-ilment tal-Kunsill dwar il-bolla l-ġdida peress li din kienet żgħira wisq. Ir-risposta kienet fin-negattiv. | Chircop |
| 01. 2. 19 | 14.2.29 | Camilleri: Bijografija ta' Alexander Cachia Zammit | Il-Kunsillier Camilleri informa lill-Kunsill li ser jieħu ħsieb li jinxtara dan il-ktieb. | Camilleri |
| 01. 2. 20 | 14.2.33 | Caruana: Sleeping policeman fi Triq Lvant | Caruana staqsa għaliex għadha ma saritx is-sleeping policeman fi Triq Lvant. Is-Segretarju spjega li meta marru l-ħaddiema fuq il-post kien hemm xi diżgwid bejn ir-residenti. Is-Sindku spjega li ser isiru 2 sleeping policeman waħda fi Triq Bugħarbiel k/m Triq Taltas u oħra fi Triq Bugħarbiel k/m Triq Mikiel Cachia. | Sindku |
| 01. 2. 21 | 14.2.34 | Viċi-Sindku: Spralli fi Triq Xatbet l-Andar | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li sar x-xogħol ta' tindif fuq l-ispralli ta' Triq Xatbet l-Andar. | Sindku |
| 01. 2. 22 | 14.2.35 | Viċi-Sindku: Yellow lines | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni dwar yellow lines li għadhom ma sarux fi Triq Dun Ġwann Farrugia u Triq Vendome. | Sindku |
| 01. 2. 23 | 14.3.2 | Hales: Postijiet fejn ser isiru l-karti ta' l-identita' | Hales informa lill-Kunsill li l-kwestjonarju ġiet mibgħut u ġew indikati ż-żewġ skejjel governattivi sabiex fihom isiru l-karti ta' l-identita'. | Hales |
| 01. 2. 24 | 14.3.6 | Agius: Laqgħa mal-Vice Squad | Il-Kunsilliera Agius staqsiet meta ser issir il-laqgħa mal-Vice Squad. Is-Segretarjat ser jiskeda laqgħa għax-xahar ta' Frar. | Segretarjat |
| 01. 2. 25 | 14.3.7 | Chircop: Restawr ta' niċċa fi Triq M'Xlokk | Chircop informa lill-Kunsill li għamel kuntatt mal-Perit Ruben Abela fejn infurmah li ser isir rapport dwar in-niċċa ta' Triq M'Xlokk u li bdew ix-xogħlijiet ta' restawr fuq l-istatwa ta' San Girgor. | Chircop |
| 01. 2. 26 | 14.3.8 | Hales: Tismija ta' toroq ġodda | Hales irraporta lill-Kunsill li l-proċess ta' ismijiet ġodda ta' toroq ta' Misraħ Duminku Mintoff u Triq Karmenu Carabott huwa komplut kollu. Filwaqt li dwar il-lapida mal-Knisja ta' fejn iżżewweġ Duminku Mintoff, Hales issuġerixxa li għandha tiġi mwaqqa t-talba u minflok l-irħama issir fuq pedestal fil-viċin tal-istess knisja minħabba li l-knisja hi skedata bħala class 1 u jkunu meħtieġa ħafna permessi. **Il-Kunsill qabel.** | Hales |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 2. | 27 | 14.8.1 | Hales: Għoti ta' siġar mis-Sur Steve Borg | Hales informa lill-Kunsill li ma kellux kuntatt ma' Steve Borg. Hales spjega li hemm bżonn li jitnaqqsu s-siġar taż-żebbuġ li jinsabu madwar il-flats Ta' Ganza minħabba li qed ikunu ta' ostaklu għar-residenti speċjalment dawk li joqgħodu fl-ewwel sular. is-Sindku spjega li xi żebbuġ għandu jinqala' u jinżara fir-ring road ta' l-Estate ta' Ħal Tmiem. | |
| 01. | 2. | 28 | 14.8.4 | Chircop: Kunċert tal-Milied | Chircop informa lill-Kunsill li l-Kunċert kellu attendenza tajba u ingħata promozzjoni fuq il-magażin 'Flimkien'. Dak inhar inġabret is-somma ta' Eur338 għar-restawr tal-Knisja. | Chircop |
| 01. | 2. | 29 | 14.9.3 | Viċi-Sindku: Bring in site fid-Dar ta' l-Anzjani | Dwar il-bring in site fid-Dar ta' l-Anzjani, is-Sindku spjega li ktibna lil Daniel tal-Greenpak iżda s'issa għadna ma wasalniex. | Abela |
| 01. | 2. | 30 | 14.9.4 | Chircop: Zebra crossing fi Triq l-Isqof Emm. Galea | Il-Kunsillier staqsa jekk intbagħtitix il-korrispondenza lill-TM sabiex issir zebra crossing fi Triq l-Isqof Emm. Galea. Is-Sindku spjega li ser issir on-site inspection. | Sindku |
| 01. | 2. | 31 | 14.9.6 | Hales: Railing baxx bejn Blokk C u D | Hales informa lill-Kunsill li r-railing ġie rranġat. | |
| 01. | 2. | 32 | 14.9.8 | Hales: Skart fi Triq l-Għannejja | Hales irraporta li s-sitwazzjoni ta' rimi ta' skart fi Triq l-Għannejja tjiebet ħafna. | Hales |
| 01. | 2. | 33 | 14.9.11 | Chircop: Konkorsi | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li ħarġu t-titli tal-konkors letterarji liema premjijiet ser tkun f'forma ta' book token. Ħarġu wkoll l-applikazzjonijiet għat-titlu ta' Ġieh iż-Żejtun li dawn jagħlqu fil-5 ta' Marzu, 2014. | Chircop |
| 01. | 2. | 34 | 14.9.14 | Hales: Parking bays bejn Blokk B u C f'Qasam Ta' Ganza | Hales spjega li l-parking bays bejn Blokk B u C saru. | Sindku |
| 01. | 2. | 35 | 14.9.15 | Hales: Skips bla għatu | Hales informa lill-Kunsill li inġibdet l-attenzjoni tal-kuntrattur dwar l-iskips bla għatu iżda l-kuntrattur baqa' ma ħax passi. **Il-Kunsill qabel li jagħmel rapport bil-miktub lill-kuntrattur.** | Hales |
| 01. | 2. | 36 | 14.9.18 | Hales: One way - Triq il-Kostituzzjoni | Hales irraporta li twaħħlu t-tabelli tal-one way fi Triq il-Kostituzzjoni. Il-Kunsillier Caruana ġibed l-attenzjoni li t-tabella tal-one way qed tostakola l-isem tat-triq. Hales spjega li din ser titranġa meta jiġu ta' l-Alka Ceramics. Is-Sindku ssuġerixxa li meta jiġu ordnati t-tabelli tat-traffiku f'żona tal-village core dawn ikunu ta' qies żgħir. | Hales |
| 01. | 2. | 37 | 14.9.24 | Viċi-Sindku: Simenta wara d-Dar ta' l-Anzjani | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li s-simenta wara d-Dar ta' l-Anzjani għadha ma saritx. | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 01. 2. 38 | 14.9.25 | Caruana: Rampi | Il-Kunsillier Caruana informa lill-Kunsill li huwa tkellem mal-Perit Magro fejn infurmah li r-rampa fejn l-istawa ta' Santa Katarina ma tistax issir peress li tirrikjedi ħafna tul. Il-Viċi-Sindku spjegat li hemm bżonn li ssir rampja fejn it-taraġ fejn id-disabled parking. Is-Sindku spjega li hemm talba biex isir handrail maġenb il-pedestal ta' Santu Rokku. | Sindku |
| 01. 2. 39 | 14.9.30 | Sindku: Attivita' Dar Nazzaret | **Il-Kunsill qabel li l-press conference tal-Fondazzjoni Nazzaret dwar l-attivita li ser issir fid-9 ta' Frar, issir fil-Kunsill Lokali.** | |
| 01. 2. 40 | | Viċi-Sindku: Ringrazzjament | Il-Viċi-Sindku rringrazzjat lill-Kunsill għall-organizzazzjoni tal-funeral ta' Wistin Abela, kunjatu tagħha f'isimha, f'isem ir-raġel tagħha u l-familja Abela. | Komunikazzjoni |

**01. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML01/14. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 3. 1 | 01 | Mepa: PA 0036/14 | **Il-Kunsill qabel nem.con li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA sabiex jinżamm il-karattru tal-post ta' dawn l-iżviluppi.** | Sindku |
| 12. 3. 2 | 06 | DLG: Memo 34/2013 | Is-Sindku spjega li sar kuntatt mal-Kunsilli kollha imsieħba fil-kumitat reġjonali dwar il-kuntratt tal-manutenzjoni tad-dwal tat-toroq. Is-Sindku qal li għandna ninsistu li d-delega dwar id-dwal tat-toroq residenzjali tibqa f'idejna. | Sindku |
| 01. 3. 3 | 07 | DLG: Memo 01/2014 | **Il-Kunsill qabel li l-laqgħa pubblika ssir nhar il-Ħamis 13 ta' Frar sabiex sal-21 ta' Frar id-dokumenti finanzjarji jiġu sottomessi n-National Audit Office kif stipulat bil-liġi.** | Segretarjat |
| 01. 3. 4 | 09 | DLG: Memo 03/2014 | **Il-Kunsill qabel li għandu jsir kuntatt mad-DLG sabiex isiru ċertu kjarifiċi.** | Sindku |
| 01. 3. 5 | 10 | DLG: Memo 04/2014 | Ara mozzjoni proposta mill-Kunsillier Camilleri f'din il-laqgħa punt 01.8.4 | Segretarjat |
| 01. 3. 6 | 12 | KL M'Skala: Kawża - Impjant ta' Sant'Antnin | **Il-Kunsill approva l-ħlas ta' Eur252.06 lill-Kunsill Lokali M'Skala dwar il-kawża legali ta' l-Impjant ta' Sant'Antnin.** | Segretarjat |
| 01. 3. 7 | 19 | Kunsill tal-Volontarjat: Laqgħat ġewwa l-Kunsill | **Il-Kunsill qabel li jikkopera sabiex isiru laqgħat mill-Kunsill tal-Volontarjat fil-bini tal-Kunsill.** | Agius |
| 01. 3. 8 | 21 | S. Baldacchino: Danni fuq il-karozza | **Wara li ġew eżaminati l-provi kollha, il-Kunsill approva l-ħlas għad-danni li sofra s-Sur Sergio Baldacchino fuq il-vettura tiegħu fi Triq Bormla. Dan jammonta għal Eur104.** | Segretarjat |
| 01. 3. 9 | 22 | Skola Primarja A: Eko-Skola | **Il-Kunsill bħas-snin l-imgħoddija qabel li jisponsorja l-proġett Eko-Skola lill-iskola primarja A iżda ma qabilx li jħallas Eur12 għal kull siġra.** | Segretarjat |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 01. 3. 10 24 | TM: Communal Un/loading bay fi Triq Santa Katarina | Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-TM biex ikun jaf fuq liema ~~kundizzjonijiet~~ kriterji ingħata permess għal un/loading bay fi Triq Santa Katarina. | Sindku |
| 01. 3. 11 26 u 27 | Kunsill Lokali: Disposals | Il-Kunsill qabel li jiddisponi minn affarijiet, propjeta' ta' l-istess Kunsill, hekk kif preżentati fil-korrispondenza li ġratilhom il-ħsara u ma jissewwewx. | Segretarjat |

**01. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|
| 01. 4. 1 | Tabella tal-Ħlasijiet 01/14 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarjat |
| 01. 4. 2 | Tabella tal-Hlasijiet 01/14 | Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 01/14 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella. | Segretarjat |
| 01. 4. 2 i | Il-Kunsill approva ukoll kont ta' Francis Camilleri għall-ospitalita' lir-residenti ta' Celano f'Novembru li għadda għall-prezz ta' Eur130. | | |
| 01. 4. 3 | Talbiet għal Xiri 01/14 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarjat |
| 12. 4. 4 | Petty Cash - Diċembru 2013 | Il-Kunsill approva l-petty cash ta' Diċembru 2013 hekk kif preżentat u kien jammonta għal Eur159.19. | Segretarjat |
| 12. 4. 5 | Petty Cash - Jannar 2014 | Il-Kunsill approva l-petty cash ta' Jannar 2014 hekk kif preżentat u kien jammonta għal Eur155.41. | Segretarjat |

**01. 5. Xogħlijiet Pendenti**

| Riferenza Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|
| 01. 5. 1 | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku rrapporta lill-Kunsill li għandhom kemm spiċċaw ix-xogħlijiet fuq ħajt fi Triq il-Minżel. | Sindku |
| 01. 5. 2 | Agius: Twieqi Child Day Care Centre | Il-Kunsilliera Agius talbet sabiex isiru t-twieqi t'isfel tac-Child Day Care Centre. Is-Sindku talab li nġibu kwotazzjoni. | Agius |
| 01. 5. 3 | Hales: Żebgħa | Hales talab sabiex isir it-tibjid tal-kċina tal-Kunsill. **Il-Kunsill approva.** | Sindku |
| 01. 5. 4 | Agius: Bankini Triq Melchiorre Gafa' | Agius talbet sabiex isir xogħol fuq il-bankini ta' Triq Melchiorre Gafa' peress li huma perikolużi. **Il-Kunsill qabel.** | Sindku |

**01. 6. Rapport Finanzjarju Ottubru - Diċembru 2013**

| Riferenza Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|
| 01. 6. 1 | Segretarju: Jirraporta | Is-Segretarju Eżekuttiv qassam kopja lil kull kunsillier tar-rapport finanzjarju ta' l-aħħar kwart tas-sena 2013. Huwa ta spjegazzjoni dettaljata tad-dħul u l-ħruġ li kien hemm f'dan il-kwart. Ġie innutat li dan il-kwart għalaq b'bilanċ pożittiv. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 01. 6. 2 | | | **Il-Kunsill approva dan ir-rapport u għaldaqsant is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw dan ir-rapport.** | |
| 01. 6. 3 | | Segretarju: Estimi Finanzjarji 2014 | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta fuq il-medja tal-Kunsill l-estimi finanzjarji għas-sena 2014. Huwa spjega li l-allokazzjoni għal din is-sena naqqset b'Eur1,500. Diġa' inġibdet l-attenzjoni ta' l-awtoritajiet konċernati dwar dan. Huwa ta spjegazzjoni dettaljata tad-dħul u l-ħruġ li mistenni jkun hemm fis-sena 2014. | |
| 01. 6. 4 | | | Is-Sindku informa lill-Kunsill li fuq medda ta' 20 sena il-Kunsill iffranka is-somma ta' Eur160,000 mill-management fees tal-kuntratti peress li minflok tqabbad contract manager biex jiċċertifika x-xogħlijiet, dan ix-xogħol sar minnu u mill-kunsilliera. Is-Sindku spjega li mhux possibbli jiżdiedu l-attivitajiet. | |
| 01. 6. 5 | | | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġejna infurmati minn TM li bl-approvazzjoni tal-Onor J. Mizzi, ser isir il-wiċċ ta' Triq Alfred Cachia Zammit. Huwa jħoss li l-ewwel għandu jibda x-xogħol minn Bir-id-Deheb u jibqa nieżel sa Triq Bormla. Fuq proposta tal-Kunsilliera Agius issekondata minn Fenech u Chircop, **il-Kunsill qabel li is-Sindku għandu jiffirma sabiex tinbeda Triq A Cachia Zammit.** | |

**01. 7.** **Performance Bonuses**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 7. 1 | | Viċi-Sindku: Vincent Grixti | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex il-Kunsill jikkunsidra sabiex jagħti performance bonus lill-impjegat ta' l-IPSL Vincent Grixti. Il-Kunsill spejga li dan diġa' ipprova jsir fil-Kunsill preċedenti iżda ġie imwaqqaf mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-Kunsill qabel li jerġa' jressaq t-talba. | |
| 01. 7. 2 | | Sindku: Segretarju Eżekuttiv | **Il-Kunsill qabel unanimament li jagħti performance bonus ta' 10% lis-Segretarju Eżekuttiv.** | |
| 01. 7. 3 | | Sindku: Ħaddiema Klerikali u Manwali | **Il-Kunsill qabel unanimament li jagħti performance bonus ta' 6% lill-ħaddiema klerikali u manwali impjegati tul is-sena 2013.** | |

**01. 8.** **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 8. 1 | | Proponent: Hales<br>Sekondant: Viċi-Sindku | **Il-Kunsill qabel uananimament li għandha tissemma triq għal ex ministru Wistin Abela bejn iċ-Ċentru tal-Partit Laburista u r-residenza tiegħu.** | Hales |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 01. 8. 2 | | | Fuq proposta ta' Hales **il-Kunsill qabel** ukoll li għandha issir lapida fuq il-faċċata tar-residenza tiegħu li tgħid li f'din id-dar ħadem u għex Wistin Abela, politiku u għalliem, 1933-2013 wara li jġib il-permess tal-familjari. | Hales |
| 01. 8. 3 | | Proponent: Chircop<br>Sekondant: Caruana | **Il-Kunsill qabel li għandha issir lapida f'għeluq l-400 sena mill-aħħar ħbit. Iċ-ċerimonja issir fil-ġurnata propju tagħha iġifieri l-Ħadd 6 ta' Lulju 2014.** Chircop qal li ser jipprova jinstab sponsor għal din il-lapida. | Chircop |
| 01. 8. 4 | | Proponent: Camilleri<br>Sekondant: Agius | **Il-Kunsill qabel li jivvota Eur600 oħra għal-librerija mas-Eur600 li ser jingħata mill-Gvern Ċentrali.** | Segretarjat |
| **01. 9.** | | **Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 01. 9. 1 | | Sindku: Magażin 'Flimkien fix-Xlokk' | Is-Sindku informa lill-Kunsill li fid-djar tar-residenti tal-Kunsilli Lokali membri fil-Gal xlokk tqassam il-magażin 'Flimkien fix-Xlokk'. | Sindku |
| 01. 9. 2 | | Sindku: Żvilupp fi Trejqet l-Obbejra | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-iżvilupp fi Trejqet l-Obbejra tlesta u jidher li għad fadal passaġġ u m'hemmx ostakli. | |
| 01. 9. 3 | | Fenech: Ristrutturar tas-Sala | Fenech talbet ukoll sabiex isir ristruttar tas-sala. Hija qalet li l-Kunsill applika għal proġett ta' l-Aġenzija Żgħażagħ iżda mhux jibbenfika peress li mhux meqjus bħala organizazzjoni taż-żgħażagħ. Is-Sindku spjega li dwar dan għandna nitkellmu ma' l-Onor Stefan Buontempo. | Fenech |
| 01. 9. 4 | | Abela: Yellow lines fi Triq A Cachia Zammit | Abela ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li għadhom ma sarux il-yellow lines fi Triq A. Cachia Zammit. Is-Sindku spjega li ladarba ser issir it-triq inutli li jsiru bħalissa. | Sindku |
| 01. 9. 5 | | Abela: Underground bring in sites | Abela infurmat il-Kunsill li l-avviżi li twaħħlu biex l-underground bring in sites ma jistgħux jintużaw, m'għadhomx jidhru. Għaldaqstant **il-Kunsill qabel li għandha ssir tabella mingħand il-Koptasin.** Is-Sindku fakkar li Daniel tal-Greenpak kellu jerġa' jikteb sabiex isiru l-planki. | Hales |
| 01. 9. 6 | | Abela: Kanal fi Triq Pres. A. Buttiġieġ | Abela rrapurtat lill-Kunsill li l-kanal tat-traffic lights ta' Triq Pres A. Buttiġieġ quddiem il-Lasco qiegħed jinqala. | Sindku |
| 01. 9. 7 | | Abela: Tarmak Triq Dun Spir Grixti | Abela fakkret sabiex isir ftit tarmak taħt il-bankina quddiem dar 'Ausmar' fi Triq Dun Spir Grixti. | Sindku |
| 01. 9. 8 | | Hales: Latrini Pubbliċi | Hales talab lill-Kunsill jikkunsidra li tinbidel is-sistema tal-flushing tal-pixxaturi tal-latrina pubblika ta' Misraħ ir-Repubblika għall-prezz ta' madwar Eur100. **Il-Kunsill qabel.** | Hales |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 01. 9. 9 | Hales: Notice board | Hales talab sabiex issir noticeboard fejn l-uffiċċji tal-Kunsill Lokali. **Il-Kunsill qabel.** Fenech fakkret li fis-sala tal-gym hemm notice board imkissra. | Hales |
| 01. 9. 10 | Hales: Boundary Signs | Hales informa lill-Kunsill li saret talba lil HSBC sabiex jinbidlu l-boundary signs tal-lokalita. | Hales |
| 01. 9. 11 | Hales: Triq San Klement | Hales ippropona sabiex il-parti d-dejqa ta' Triq san Klement issir one way bl-eċċezzjoni għar-residenti ta' Triq Sciortino. **Il-Kunsill qabel.** | Hales |
| 01. 9. 12 | Hales: Ġbir ta' skart | Hales informa lill-Kunsill li qed ikollna problemi mal-kuntrattur ta' l-iskart peress li minkejja li nġibdet l-attenzjoni tiegħu sabiex ma jibqax jinġabar skart gzuz gzuz quddiem ir-residenti tan-nies, dan xorta qed jippersisti. Dan apparti ukoll li l-iskart li jaqa' qed jitħalla fit-triq. **Il-Kunsill qabel li jibgħat 2 default notices b'dawn in-nuqqasijiet lill-kuntrattur.** | Hales Segretarjat |
| 01. 9. 13 | Hales: Reserved Parking | Hales talab sabiex jitneħħew reserved parkings ta' persuni li ġew nieqsa. Il-Viċi-Sindku talbet sabiex jiġu refreshed dawk ir-reserved parkings li għadhom jintużaw. **Il-Kunsill qabel.** | Viċi-Sindku |
| 01. 9. 14 | Hales: Parking fuq il-bankina fi Triq San Ġużepp | Hales talab lill-Kunsill jikkunsidra sabiex nhar ta' Sibt fil-għaxija waqt il-quddies, jibda jsir parkeġġ fuq il-bankina fi Triq San Ġużepp. **Il-Kunsill qabel li jikkunsidra aktar tard.** | Sindku |
| 01. 9. 15 | Viċi-Sindku: Stop sign fi Triq id-Daħla ta' San Tumas | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex jerġa' jsir biż-żebgħa stop sign fi Triq id-Daħla ta' San Tumas fejn il-ħanut tat-tiġieġ. **Il-Kunsill qabel.** | Sindku |
| 01. 9. 16 | Fenech: Vandaliżmu Bus Shelters | Il-Kunsilliera Fenech staqsiet xi progress kien hemm dwar il-vandaliżmu fuq il-bus shelters. Hales qal li ser tinġieb kwotazzjoni ġdida dwar it-tindif tal-bus shelter. | Sindku |
| 01. 9. 17 | Chircop: Priority Sign Triq Santu Wistin | **Il-Kunsill qabel li t-traffiku li jkun fi Triq Santu Wistin u jrid idur għal Triq id-Duluri għandu jingħata piorita' fuq dak it-traffiku li jkun tielgħa minn Triq Santu Wistin.** Għaldaqstant għandha titwaħħal tabella ta' priorita'. | Hales |
| 01. 9. 18 | Chircop: Laqgħa tal-Budaj | Il-laqgħa tal-Budaj saret fis-Sala tal-Kunsill nhar it-23 ta' Jannar u tmmexxiet minn Marcelle ~~Abela~~ Zahra-Sacco. | Chircop |
| 01. 9. 19 | Chircop: Stedina Grupp Filatelija | Il-grupp tal-Filatelija ġie mistieden mill-Maltapost f'Dar il-Mediterran għas-serata li ser tittella dwar il-Filatelija. | Chircop |
| 01. 9. 20 | Chircop: Ħmieġ fi Triq il-Ħotba | Chircop talab lill-Kunsill jikkunsidra li jwaħħal tabella sabiex ma jsirx rimi ta' skart u jindika li fil-viċin wieħed jista' jsib civic amenic site. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 01. 9. 21 | Agius: Ġebel mitluq fi Triq San Anard k/m Triq Ħal Tarxien | Il-Kunsilliera Agius talbet sabiex jitneħħa borġ ġebel li tħalla wara xogħol li sar fi Triq San Anard k/m Triq Ħal Tarxien. Is-Sindku talab sabiex tinkiteb ittra lil Malta Enterprise. | Segretarjat |
| 01. 9. 22 | Chircop: MTA | Chircop ser ~~jikkuntattja lil~~ Malta ~~Tourism Authority~~ sabiex ix-xogħol li sar fuq il-~~heritage routes~~ [tourist itinerary] jittella fuq il-website ta' l-MTA filwaqt li jsir kuntatt ukoll mal-lukandi. [dwar heritage routes] | Chircop |
| 01. 9. 23 | Chircop: Parkeġġ fi Triq il-Għadam | Chircop ġibed l-attenzjoni dwar parkeġġ abbużiv fi Triq il-Għadam. Is-Sindku talab li jsir rapport lill-Pulizija. | Segretarjat |
| 01. 9. 24 | Camilleri: Traffic Island fi Triq Ħal Tarxien | Il-Kunsillier Camilleri talab li jintbagħat reminder sabiex issir traffic island fi Triq Ħal Tarxien quddiem il-Go plc. | Segretarjat |
| 01. 9. 25 | Camilleri: Mera mkissra fi Triq Sciortino | Camilleri talab ukoll li terġa' titwaħħal mera li nkissret fi Triq Sciortino. Is-Sindku spjega li hija policy tal-Kunsill li meta mera titkisser, ma terġax issir oħra fl-istess post iżda jinstab post alternattiv. | Hales |
| 01. 9. 26 | Agius: Statwa popcorn | Agius infurmat lill-Kunsill li kellha proposta minn Daniż li xtaq li l-istatwa popcorn li diġa' qed tiġi eżebita f'diversi postijiet f'Malta, tiġi eżebita għal perijodu ta' 28 ġurnata f'Misraħ Girgor Bonici. **Il-Kunsill qabel.** | Agius |
| 01. 9. 27 | Agius: Korsijiet tal-parenting skills u korsijiet għall-ġenituri | Agius irrapurtat lill-Kunsill li bdew il-korsijiet tal-parenting skills fiċ-Ċentru Arti u Artiġjanat u korsijiet għall-ġenituri fiċ-Child Day Care Centre. | Agius |
| 01. 9. 28 | Agius: Mixja b'differenza fit-23 ta' Frar | Fit-23 ta' Frar ser issir mixja b'differenza fejn il-Profs Buhagiar ser jispjega punti ta' interess li niltaqgħu magħhom waqt il-mixja. | Agius |
| 01. 9. 29 | Agius: Proġett mis-Sedqa | Matul l-ewwel ġimgħa ta' Frar ser ikunu avviċinati l-għaqdiet bħala parti mill-proġett tas-Sedqa kif imħabbar iktar kmieni. | Agius |
| 01. 9. 30 | Agius: Yellow lines | Agius talbet sabiex isiru l-yellow lines fi Triq Melchiorre Gafa', Triq Lorenzo Gafa' u fuq wara ta' Triq Ħal Ġwann. **Il-Kunsill qabel.** | Sindku |
| 01. 9. 31 | Agius: Problema ta' ilma fit-Triq Ħal Gwann | Agius ġabet quddiem il-Kunsill tfiegħ ta' ammont ta' ilma minn residenza privata fi Triq Ħal Ġwann li qed tkun ta' inkonvenjent għar-residenti l-oħra. **Il-Kunsill qabel li għandha tinġbed l-attenzjoni tal-pulizija.** | Segretarjat |
| 01. 9. 32 | Agius: Gate ħdejn Klabb tal-Boċċi | Agius irrapurtat lil-Kunsill li sabet il-gate ta' ħdejn il-klabb tal-boċċi magħluqa. Peress li fil-bini tal-Kunsill, għandna kopja ta' din iċ-ċavetta, Agius ser tingħata kopja. | Hales |
| 01. 9. 33 | Agius: Karnival tan-Nadur | Ser ħarġa għal karnival tan-Nadur. Dettalji jingħataw aktar tard. | Agius |
| 01. 9. 34 | Agius: Zebra crossing fi Triq il-Labour | Agius staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi dwar iż-zebra crossing fi Triq il-Labour. Ir-risposta kienet fin-negattiv. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 01. | 9. 35 | Viċi-Sindku: Attivita' 22.01.2014 | Il-Viċi-Sindku rrapurtat l-attivita' spontanja li saret nhar it-22 ta' Jannar fejn grupp ta' studenti tal-year 3 mill-iskola ta' Marsakala żaru d-Day Centre taż-Żejtun fl-okkażjoni tad-19 -il sena. mill. [illegible] | Viċi-Sindku |
| 01. | 9. 36 | Viċi-Sindku: Stop sign fi Triq il-Qalb ta' Ġesu' | Il-Viċi-Sindku rringrazzjat lill-Kunsill ta' l-istop sign li sar fi Triq il-Qalb ta' Ġesu' k/m Triq Felicia Abela u talbet sabiex isir stop sign oħra kumplimentari fi Triq Dun Ġwann Farrugia k/m Triq Felicia Abela. **Il-Kunsill qabel.** | Ħales |
| 01. | 9. 37 | Viċi-Sindku: Crash Barrier fi Triq Palazzi | Ser naraw kif nistgħu nilqgħu għal periklu fi Triq il-Palazzi k/m Triq l-Isqof Emm. Galea. | Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fl-10.15pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 13 ta' Frar, 2014 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun wara l-laqgħa pubblika.

Sindku

Segretarju Eżekuttiv